26 ta' Mejju, 1952.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Carmelo Degiorgio *versus* Lorenzo Baldacchino pr. et ne.

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Ċessjoni tal-Lokazzjoni — Emigrant — "Animus Manendi" jew "Non Redeundi".**

*Min jemigra għall-Awstralja jmur biex joqgħod hemm permanentement jew għal żmien twil, u mhux preżumibili li jżomm post hawn Malta biex imur joqgħod fih jekk u meta jerga' lura.*

*Għax il-fatt li wieħed li jħalli pajjiżu jkollu l-intenzjoni li fil-futur, f'data indefinita, jista' jkun li jirritorna Malta, mhux biżżejjed biex jeskludi l-"animus manendi" jew "non redeundi".*

*Għaldaqstant, fil-każ li wieħed, li jkollu ħanut taħt idejh, jemigra u jħalli dak il-ħanut f'idejn ħadd ieħor, is-sid għandu dritt jirrikorri quddiem il-Board tal-Kera biex jerga' jieħu taħt idejh dak il-fond.*

Il-Qorti, — Rat ir-rikors ta' Carmelo Degiorgio quddiem il-Board li jirregola l-Kera biex jerġa' jieħu taħt idejh il-fond nru. 269, St. Paul's Street, Valletta, mikri lil Salvu Baldacchino, għax dana siefer minn Malta u ċeda jew issulloka l-fond lil ħuh Lorenzo Baldacchino, bla permess;

Rat id-deċiżjoni mogħtija minn dak il-Board fl-10 ta' Marzu 1952, li biha ġiet milqugħa t-talba, u għall-fini ta' l-iżgumbrament ġie mogħti lill-intimat 20 ġurnata żmien; u ġie ordnat li l-ispejjeż jitħallsu mill-intimat nomine; wara li kkunsidra;

Illi l-post kien mikri lil Salvu Baldacchino. Dan emigra għall-Awstralja xi erba' xhur ilu, u qabel ma telaq talab lir-rikorrent biex il-post idawru fuq ħuh Lorenzo Baldacchi-

no, u r-rikorrent irrifjuta għax ried il-fond, li kien ħanut, għalih;

Illi f'dan il-każ hemm vera ċessjoni ta' lokazzjoni jew tal-fond, kontra l-volontà espressa tar-rikorrent. Il-lum l-intimat nomine, per mezz tad-difensur tiegħu, irid isostni li l-post għadu f'idejn l-imsiefer Salvu Baldacchino, għax dan talbu biex iżommulu sakemm jerġa' jiġi Malta. Din il-pretensjoni hija futili, għax fil-fatt Salvu Baldacchino, qabel emigra, talab lir-rikorrent biex idawwar il-kera fuq ħuh; u mbagħad min jemigra għandu jippreżumi ruħu li mar għal kollox, għax kieku ma jkunx mar bħala emigrant. Il-fatt li Salvu Baldacchino forsi jerġa' jiġi lura Malta mhux ta' importanza, għax hu ma marx b'dak il-ħsieb, u l-ħanut telqu. Lanqas huwa ta' importanza l-fatt li Lorenzo Baldacchino, wara li kien siefer ħuh, offra l-kera u in segwitu ddepożitah għan-nom ta' dana ħuh, għax dan ma kienx ħlief tentativ, jew manuvra, biex tivvela ċ-ċessjoni li kienet saret wara ddivjet espress magħmul mis-sid. Infatti Salvu Baldacchino kien jaf li l-post riedu r-rikorrent, u qabel siefer kien messu kkunsinnahulu, u mhux jagħtih lil ħuh. Imbagħad, indipendentement minn kollox, ħadd ma jista' jirritjeni li kerrej, meta jemigra — b'dak kollu li l-emigrazzjoni timplika — jista' jkompli a diskapitu tas-sid iżomm post "on the off chance" li jista' jerġa' jirritorna pajjiżu;

Rat ir-rikors ta' Lorenzo Baldacchino proprio et nomine quddiem din il-Qorti, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi miċħuda t-talba tar-rikorrent Carmelo Degiorgio, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis:*

Rat in-nota fil-fol. 12, li biha Salvatore Baldacchino, billi reġa' lura f'Malta, assuma l-atti, u eċċepixxa..........;

*Omissis:*

Ikkunsidrat;

Illi rriżulta b'mod soddisfaċenti li f'Settembru 1951 l-imsemmi Salvatore Baldacchino mar l-Awstralja bl-intenzjoni li jsib ix-xogħol hemm, billi hawnhekk għas-sengħa tiegħu kien skarsa. Qabel ma mar huwa ried iċedi l-lokazzjoni tal-post imsemmi fir-rikors lil ħuh Lorenzo Baldacchino, iżda s-sid, Carmelo Degiorgio ma riedx jaċċetta li ssir dik iċ-ċes-

sjoni, billi kellu bżonn il-post u riedu għalih. Salvatore Baldacchino, għalkemm kellu dak id-divjet tas-sid, qabel siefer ta l-post lil ħuh Lorenzo; u dan il-fatt jikkostitwixxi ċessjoni ta' lokazzjoni, kif irritieniet is-sentenza appellata. Il-pretensjoni avanzata mill-appellanti mhix ta' min jilqagħha, billi min isiefer għall-Awstralja jmur biex joqgħod hemm permanentement jew għal żmien twil, u mhux preżumibili li jżomm post hawn Malta biex imur joqgħod fih jekk u meta jerġa' lura. Hu prinċipju aċċettat minn awturi ta' Dritt Internazzjonali Privat illi l-fatt li bniedem li jħalli pajjiżu jkollu xi intenzjoni li, fil-futur, f'data indefinita, jista' jkun li jerġa' jirritorna, ma hux biżżejjed biex jeskludi l-"animus manendi" jew "non redeundi" (ara każijiet ċitati fil-Hibbert, International Private Law or Conflict of Laws, 1918 edit., pag. 11 et seq.). Ix-xhieda ta' Salvatore u Lorenzo Baldacchino quddiem din il-Qorti mhix aċċettabili; mhux biss innħabba ċ-ċirkostanza fuq imsemmija, iżda anki billi d-diportament tagħhom waqt dik ix-xhieda ma kienx soddisfaċenti;

Għaldaqshekk;

Tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-appellanti Salvatore u Lorenzo Baldacchino; b'dana però, li t-terminu ta' 20 ġurnata, impost b'dik is-sentenza, għandu jibda jgħaddi mil-lum.